



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 5 ta' Novembru 2013
(OR. fr)**

14164/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0317 (NLE)**

PECHE 407

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) NRU .../2013

ta'

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd
taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk
li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja
previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-paragrafu 3 tal-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Mejju 2006, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk¹ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") billi adotta r-Regolament (KE) Nru 764/2006².
- (2) L-Unjoni nneozjat mar-Renju tal-Marokk protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jipprovdi lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li fuqhom ir-Renju tal-Marokk jeżerċita s-sovranià jew il-ġurisdizzjoni tiegħu fir-rigward tas-sajd. Il-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat fl-24 ta' Lulju 2013.
- (3) Fi ...*, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Nru .../2013/UE^{3**} dwar l-iffirmar tal-Protokoll il-ġdid.

¹ ĠU L 141, 29.5.2006, p. 4 (Verżjoni MT: ĠU L 294M , 25.10.2006, p. 134).

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 141, 29.5.2006, p. 1; verżjoni MT: ĠU L 294M , 25.10.2006, p. 131).

* Nota lill-ĠU: daħħal id-data tad-Deċiżjoni fid-dokument st 14161/13.

³ ĠU , , p. .

** Nota lill-ĠU: fin-nota relatata f'qiegħ il-paġna daħħal in-numru u r-referenza fil-ĠU tad-Deċiżjoni fid-dokument st 14161/13.

- (4) Il-mod li bih issir l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi ddefinit għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll il-ġdid.
- (5) F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008¹, f'każ li l-għadd tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd jew l-ammont ta' opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Unjoni taħt il-Protokoll il-ġdid ma jkunux użati totalment, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan. In-nuqqas ta' tweġiba sa l-iskadenza li għandha tiġi ffissata mill-Kunsill għandu jiġi kkunsidrat bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhumiex qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd tagħhom fil-perjodu stabbilit. Dik l-iskadenza għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.
- (6) Dan ir-Regolament huwa meħtieġ li japplika mid-dħul fis-seħħ tal-Protokoll il-ġdid,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

Artikolu 1

1. L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom ikunu allokat i fost l-Istati Membri kif ġej:

Kategorija ta' sajd	Tip ta' bastiment	Stat Membru	Liċenzji jew kwota
Sajd pelaġiku fuq skala żgħira fit-Tramuntana	Bastimenti bit-tartarun < 100 TG	Spanja	20
Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana	bastimenti tas-sajd bil-konzizzjiet tal-qiegħ, < 40 TG	Spanja	
		Portugall	
	bastimenti tas-sajd bil-konzizzjiet tal-qiegħ, > 40 TG < 150 TG	Portugall	3
Sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar	Xlief u qasab < 80 TG	Spanja	10
Sajd tal-qiegħ (demersali)	bastimenti tas-sajd bil-konzizzjiet tal-qiegħ	Spanja	
		Portugall	
	bastimenti tat-tkarkir	Spanja	
		Italja	
Sajd għat-tonn	bil-qasab	Spanja	23
		Franza	4
Pelaġiku industrijali	80 000 tonnallata kull sena b'massimu ta' 10 000 tonnallata kull xahar għall-flotta sħiħa, ħlief għax-xhur minn Awissu sa Ottubru fejn il-limitu ta' kull xahar tal-qabidet jiġi miżjud għal 15 000-il tonnallata Distribuzzjoni tal-bastimenti li huma awtorizzati għas-sajd: 10 bastimenti b'tonnallagġ superjuri għal 3000 TG 3 bastimenti b'tonnallagġ bejn il-150 u t-3000 TG 5 bastimenti b'tonnallagġ inferjuri għal 150 TG	Ġermanja	t
		Litwanja	t
		Latvja	t
		Il-Pajjiżi l-Baxxi	t
		Irlanda	t
		Polonja	t
		Renju Unit	t
		Spanja	t
		Portugall	t
		Franza	t

2. Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 japplika mingħajr preġudizzju għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
3. Jekk it-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jkoprox l-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tqis it-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd magħmula minn kwalunkwe Stat Membru ieħor taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.
4. L-iskadenza sa meta l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw li mhumiex qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ngħatawllhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008, għandha tkun ta' għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tinformahom li l-opportunitajiet tas-sajd mhumiex eżawriti kollha.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
